# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 516/00mm**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Powermix Concrete Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u hamsin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm359.94) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici ghall-perijodu 23 ta' Jannar, 1998, sal-21 ta' Ottubru, 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-30 ta' Mejju, 2002, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.